

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2017 – Viraj Profiles vs Il-Kunsill

(Kawża T-67/14) ⁽¹⁾

(“Dumping — Importazzjonijiet ta’ ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja — Determinazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni — Spejjeż relatati mal-bejgħ, spejjeż amministrattivi u spejjeż oħra ġenerali — Obbligu ta’ motivazzjoni — Dannu — Rabta kawżali — Ilment — Ftuħ tal-investigazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)

(2017/C 277/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Parties

Rikorrenti: Viraj Profiles Ltd (Maharashtra, l-Indja) (rappreżentanti: V. Akritidis u Y. Melin, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn B. Driessen, sussegwentement H. Marcos Fraile, aġenti, assistit minn R. Bierwagen, C. Hipp u D. Reich, avukati)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013, tal-5 ta’ Novembru 2013, li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja (ĠU 2013, L 298, p. 1), sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013, tal-5 ta’ Novembru 2013, li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja, huwa annullat, sa fejn dan jikkonċerna lil Viraj Profiles Ltd.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Viraj Profiles.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 112, 14.4.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta’ Lulju 2017 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-74/14) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna mogħtija minn Franza lil SNCM — Għajjnuna għar-ristrutturar u miżuri meħuda fil-kuntest ta’ pjan ta’ privatizzazzjoni — Kriterju tal-investitur privat f’ekonomija tas-suq — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern — Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali — Obbligu ta’ motivazzjoni”)

(2017/C 277/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment minn G. de Bergues, D. Colas, E. Belliard u J. Bousin, sussegwentement minn D. Colas, E. Belliard u J. Bousin, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u B. Stromsky, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 7066 finali, tal-20 ta' Novembru 2013, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.16237 (C 58/2002) (ex N 118/2002) implimentata minn Franza favur l-SNCM.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 135, 5.5.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 29 ta' Ġunju 2017 – EUIPO vs Hotel Cipriani (CIPRIANI)

(Kawża T-343/14) (¹)

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea CIPRIANI — Assenza ta' mala fide — Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' ksur ta' dritt għal isem ta' persuna magħrufa — Artikolu 53(2)(a) tar-Regolament Nru 207/2009"]

(2017/C 277/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Arrigo Cipriani (Venezia, l-Italja)(rappreżentanti: A. Vanzetti, G. Sironi u S. Bergia,)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Hotel Cipriani Srl (Venezia) (rappreżentanti: inizjalment C. Hoole, solicitor, sussegwentement T. Alkin, B. Brandreth, barristers, W. Sander, P. Cantrill, M. Pearce, A. Hall u A. Ward, solicitors, u finalment B. Brandreth, barrister, A. Poulter u P. Brownlow, solicitors)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-14 ta' Marzu 2014 (Każ R 224/2012-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn A. Cipriani u Hotel Cipriani.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud
- 2) Arrigo Cipriani għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u dawk ta' Hotel Cipriani Srl.

(¹) ĠU C 261, 11.8.2014.